MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Numru. 449/2001

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
(Spettur Noel Cutajar)
vs
Michael Borg, Denise Grech, Glen Scicluna,
Raymond Bonnici u Andrew Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli :

Lil Michael Borg, Denise Grech, Glen Scicluna u Raymond Bonnici wahedhom talli f’dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta’ bejn Jannar 1998 u is-26 ta’ Dicembru 1999, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizuluzzjoni wahda :

1. nhar is-26 ta’ Dicembru 1999 ghall-habta tal-10.30 ta’ bil-lejl, waqt li kienu H’Attard ikkommettew serq ta’ diversi oggetti, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), hin, lok, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira maltija, sar ghad-detriment ta’ Emanuel Aquilina minn Attard;

2. kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltija, imma ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltija, saret ghad-detriment ta’ Emanuel Aquilina minn Attard;

3. Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija;

Kif ukoll Michael Borg, Raymond Bonnici, Glenn Scicluna u Denise Grech wahedhom :

4) talli f’xi jum matul ix-xahar ta’ Dicembru 1999, f’xi hin wara inzul ix-xemx, waqt li kienu Attard, bil-hsieb li jikkomettu reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza (numerika), hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment tal-eredi tal-mejjet Gerald Briffa, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-eskuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhaba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;

kuf ukoll Michael Borg, Raymond Bonnici u Glenn Scicluna wahedhom :

5) talli f’xi jum, matul ix-xahar ta’ Dicembru 1999, f’dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ ‘projector camera’ u ‘slide’, liema serq li huwa ikkwalifkat bil-vjolenza (numerika), mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix

l-elf lira Maltija sar ghad-detriment ta’ Daniel Reginiano minn Marsaxlokk;

6) kif ukoll fl-istess perijodu ta’ zmien, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltija, imma ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltija, saret ghad-detriment ta’ Daniel Reginiano minn Marsaxlokk;

7) kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta’ Dicembru, 1999 u fix-xhur ta’ qabel, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehduda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikakat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

8) kif ukoll f’xi jum matul il-perjodu ta’ bejn is-26 ta’ Dicembru 1999, u x-xahrejn ta’ qabel dina d-data, waqt li kienu Attard, bil-hsieb li jikkommettu reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza (numerika), mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment ta’ Charles Debattista minn Attard, urew dan il-hsieb b’atti esterni, u taw bidu ghall-eskuzjzoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

Kif ukoll Michael Borg, Raymond Bonnici u Andrew Farrugia wahedhom :

9) talli f’diversi okkazzjonijiet matul is-sajf tas-sena 1998 waqt li kienu f’Bugibba ikommettew serq ta’ oggetti mill-post maghruf bhala “Dolmen Hotel” liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmija lukanda, huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), kif ukoll bil-hin.

10) Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, medhuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement b'kull mod li jkunu indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

Kif ukoll Michael Borg u Raymond Bonnici wahdedhom :

11) talli f'zewg okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' bejn Awissu 1999 u is-26 ta' Dicembru 1999, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' 'trophey' u xi flus, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' 'St Aloysius Tennis Club" huwa ikkwalifikat bil-mezz;

12) kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli , liema hsara li saret ghad-detriment tad-dirigenti ta' "St Aloysius Tennis Club" ma jiskorrix il-valur ta' hamsin lira Maltija imma tiskorri il-valur ta' ghaxar liri Maltin;

13) kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, medhuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

Kif ukoll Michael Bonnici wahdu :

14) talli matul il-pejodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru 1999 u is-26 ta' Dicembru, 1999, waqt li kien Hal-Balzan, ikkometta serq ta' xi oggetti u flus, liema serq sar ghad-detriment ta' John Buttigieg mis-Swieqi;

15) kif ukoll talli f'xi jum matul is-sajf tas-sena 1998, waqt li kien tas-Sliema volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' apparat telefoniku, liema hsara li tiskorri il-valur ta' hamsin lira imma ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tal-Maltacom plc;

16) kif ukoll talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn xi jum fix-xahar ta' Novembru 1999 u is-26 ta' Dicembru 1999, waqt li kien B'Kara volontarjament hassar, ghamel hsara

jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' 'dustbin' pubbliku, liema hsara li ma tiskorrix il-vlaur ta' hamsin lira Maltija imma tiskorri il-valur ta' ghaxar liri Maltin saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija "Eartcare Ltd";

kif ukoll Glenn Scicluna wahdu :

17) f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-26 ta' Dicembru 1999 u ix-xaharejn ta' qabel dina id-data waqt li kien f'Attard ikkometta serq ta' oggett, liema serq sar ghad-detriment ta' Joe Grech Sant minn Attard;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront tal-imputati kollha :
(a) Fl-Artikoli 18, 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 276, 277, 278, 330, 279, 288, 281, 285, 284, 41 (1) (a), 334, 325 (a), 17 (b) (h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-hames imputati fuq imsemmija jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-hames imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan waqt is-seduta tat-22 ta' April, 2004;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-hames imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom issib lill-imputati hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-2 ta' Awissu tas-sena 2002;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi Michael Borg, Denise Grech, Raymond Bonnici u Andrew Farrugia ghandhom fedina penali netta, waqt illi l-imputat Glen Scicluna gie misjub hatji fl-10 ta' Mejju tas-sena 2001 ta' ksur tal-mistrieh tan-nies, talli qal kliem oxxen fil-pubbliku, talli ingurja jew hedded lil Carmel Scicluna u talli hebb

kontra l-istess Carmel Scicluna u gie liberat minghajr kundizzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputati kollha kienu minorenni meta gew kommessi r-reati in kwistjoni u ghalhekk ghandu japplika ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputati kollha ikkoperaw mal-pulizija matul l-investigazzjoni u effettivament l-Ispettur Bartolo xehed illi l-imputati kollha ammettew illi kienu spustjaw diversi oggetti matul l-imsemmija serqiet. Meta l-imputati gew mitkellma mill-pulizija, huma ammettew ukoll l-involviment taghhom f'incidenti ohrajn illi l-pulizija lanqas biss kienu jafu bihom. Il-pulizija wkoll gabru xi oggetti illi gew misruqa, liema oggetti gew esebiti f'dawn il-proceduri. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi meta staqsa lill-imputati ghalfejn kienu ghamlu dak illi ghamlu huma kienu qalulu illi din kienet avventura u illum il-gurnata jiddispjacihom bis-shih, u fil-fatt ikkoperaw hafna mieghu matul l-investigazzjoni kollha, kif jirrizulta mill-ammissjonijiet illi ghamlu fl-istqarrijiet illi irrilaxxjaw lill-pulizija.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena illi, minn ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, ma jidhrilhiex illi l-hames imputati fuq imsemmija huma xi 'hardened criminals' u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju, kemm ghal dawn il-hames imputati, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk dawn l-imputati jinghataw l-ahhar opportunita sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbu t-triq it-tajba, kif jidhru illi ghandhom ir-rieda illi jaghmlu u ghaldaqstant, wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberahom, taghmel dan bil-kundizzjoni li huma ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat bi kliem car lill-hatja bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------